PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2160(INI)

21.1.2009

ABBOZZ TA' RAPPORT

bi proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet
(2008/2160(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Stavros Lambrinidis

PR_INI_art114

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL 3

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI LILL-KUNSILL (B6-0302/2008).....9

NOTA SPJEGATTIVA 11

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL

dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet (2008/2160(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni għall-Kunsill minn Stavros Lambrinidix f'isem il-grupp PSE dwar tisħiħ tas-sigurtà u libertajiet fundamentali fuq l-Internet (B6-0302/2008),

– wara li kkunsidra **l-Ftehima Internazzjonali dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi**, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR) u l-Karta għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,[1] u b'mod partikulari d-dispożizzjonijiet tagħha li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' dejta personali, il-libertà tal-espressjoni, ir-rispett għall-ħajja tal-familja u l-ħajja privata, kif ukoll id-dritt għall-libertà u s-sigurtà,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta [1], id-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/977/JHA tas-27 Novemru 2008 dwar il-protezzjon ta' dejta personali pproċessata fil-qafas ta' koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura f'materji kriminali,[2]. id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku[3], il-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar drittijiet universali ta' servizzi u utenti rigward netwerks elettroniċi ta' komunikazzjoni, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-ħajja privata fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar koperazzjoni fil-protezzjoni tal-Konsumatur (COM(2007)0698), id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' dejta ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi ta' netwerks elettroniċi ta' komunikazzjoni[4] disponibbli għall-pubbliku u l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Ottubru 2008 fil-Każ C3-301/06, *l-*Irlanda v il-Parlament u l-Kunsill,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2005/222/JHA tal-24 ta' Frar 2005 dwar attakki kontra sistemi tal-informazzjoni [1], id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA tat-28 ta' Mejju 2001 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-iffalsifikar ta' metodi ta' ħlas mhux bi flus kontanti[2], id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2008/919/JHA tat-28 ta'

[1] ĠU L 281, 23.121.1995, p. 31.
[2] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.
[3] ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.
[4] ĠU 2006, L 105, *p. 54.*

Novembru 2008 li temenda d-Deċżijoni ta' Qafas 2002/475/JHA dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu [3] il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2007 bl-isem "Lejn politika ġenerali u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità' (COM(2007)O267), kif ukoll l-inizjattivi reċenti għat-tkixxif rigward delitti serji u t-terroriżmu (bħall-proġett "Check the Web"),

– wara li kkunsidra x-xogħlijiet li saru fi ħdan il-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa (CoE), fl-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u fin-Nazzjonijiet Uniti, kemm dawk li jikkonċernaw il-ġlieda kontra l-kriminalità u ċ-ċiberkriminalità, u kemm dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inkluż fuq l-Internet,

– wara li kkunsidra l-aħħar sentenzi tal-Qrati Ewropej u tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali f'dan il-qasam, u b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża (BVerfG) li tagħraf id-dritt distint għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u tal-integrità tas-sistemi tal-informatika,[5]

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 94 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0000/2008]),

A. billi l-iżvilupp tal-Internet juri li dan qed isir għodda indispensabbli għall-promozzjoni ta' inizjattivi demokratiċi, arena ġdida għad-dibattitu politiku (pereżempju e-kampanja, e-votazzjoni), strument kruċjali fil-livell dinji għall-eżerċitar tal-libertà tal-espressjoni (pereżempju, blogging) u sabiex jiġu żviluppati attivitajiet kummerċjali,

B. billi l-Internet jagħti tifsira sħiħa ta' x'inhi l-libertà tal-espressjoni kif minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fid-dimensjoni "indipendentement mill-fruntieri",

C. billi t-trasparenza, ir-rispett għall-privatezza u ambjent ta' fiduċja fejn l-partijiet konċernati għandhom jiġu kkunsidrati bħala elementi indispensabbli sabiex tinbena viżjoni sostenibbli ta' sigurtà fuq l-Internet,

D. billi, permezz tal-libertà li tipprovdi, l-Internet ġie użat ukoll bħala pjattaforma għal messaġġi vjolenti u mhux demokratiċi bħal dawk li jinċitaw attakki terroristiċi, u billi t-theddid għaċ-ċiberkriminalità żdied b'mod aktar mifrux u madwar id-dinja kollha u qed ipoġġi fil-periklu persuni individwali (inklużi tfal) u netwerks,

E. billi dawn il-delitti jistgħu jiġu ffaċċjati effettivament u deċiżivament mingħajr ma jsiru bidliet fin-natura fundamentali ħielsa u miftuħa tal-Internet,

F. billi, f'soċjetà demokratika, huma ċ-ċittadini li huma intitolati li josservaw u jiġġudikaw ta' kuljum l-azzjonijiet u t-twemmin tal-gvernijiet tagħhom u ta' kumpaniji privati li jipprovduhom b'servizzi, u mhux il-gvernijiet jew il-kumpaniji li huma intitolati li josservaw u jiġġudikaw ta' kuljum l-azzjonijiet u t-twemmin taċ-ċittadini tagħhom; billi tekniki ta' sorveljanza b'teknoloġija avvanzata, flimkien ma' liġijiet laxki li jippreskrivu l-

limitazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, qegħdin jheddu dejjem aktar dan il-prinċipju,

G. billi avvanzi kbar teknoloġiċi qed jippermettu dejjem aktar sorveljanza virtwalment sigrieta u bil-moħbi tal-attivitajiet taċ-ċittadini fuq l-Internet; billi s-sempliċi fatt li jeżistu teknoloġiji ta' sorveljanza m'għandux jiġġustifika b'mod awtomatiku l-użu tagħhom, iżda billi l-interess aħħari li jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini għandu jiddetermina l-limiti u ċ-ċirkostanzi preċiżi meta teknoloġiji bħal dawn jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi jew kumpaniji privati,

H. billi ta' min jiftakar illi meta jiġu ttrattati drittijiet bħalma huma drittijiet tal-libertà tal-espressjoni jew ir-rispett tal-ħajja privata, indħil mill awtoritajiet pubbliċi fl-eżerċizzju ta' drittijiet bħal dawn jista' jiġi impost biss f'soċjetà demokratika jekk dan ikun "skont il-liġi' u meħtieġ u propozjonat,

I. billi minħabba n-natura dinjija, miftuħa u parteċipattiva tiegħu, l-Internet bħala regola igawdi l-libertà, iżda madankollu dan ma jeskludix minn qabel il-bżonn ta' riflessjoni (fil-livelli nazzjonali u internazzjonali, fil-pubbliku u fil-privat) dwar kif il-libertajiet fundamentali tal-utenti tal-Internet, kif ukoll il-libertà tagħhom stess, huma rispettati u mħarsa,

J billi l-e-illitteralimu se jkun l-illitteraliżmu ġdid tas-Seklu 21; billi li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għall-Internet huwa għalhekk ekwivalenti għall li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għat-tagħlim, u billi dan l-aċċess m'għandux jiċċaħħad b'mod punittiv minn gvernijiet jew kumpaniji privati; billi huwa importanti li jiġu ttratati kwistjonijiet emerġenti bħalma huma n-newtralità tan-netwerks, l-interoperabilità, il-firxa globali ta' safejn iwasslu n-nodi tal-Internet, u l-użu ta' formati u standards miftuħa,

K. billi għandu jinżamm bilanċ ġust bejn l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku - li jiftaħ opportunitajiet daqs qatt qabel għal esperimentazzjoni u skambju kreattiv u kulturali, u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali,

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

Aċċess sħiħ u protett tal-Internet għal kulħadd

(a) ipparteċipa fl-isforzi sabiex l-Internet issir għodda importanti ta' kisba akbar ta' kapaċitajiet tal-utenti, ambjent li jippermetti l-iżvilupp ta' strateġiji minn isfel għal fuq (bottom up) u ta' e-demokrazija, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li jiġu stabbiliti salvagwardji sinifikattivi minħabba li jistgħu jiġu żviluppati f'dan il-qasam forom ġodda ta' kontroll u ċensura; il-libertà tal-espressjoni u l-protezjoni tal-ħajja privata li l-utenti jgawdu fuq l-Internet għandhom ikunu reali u mhux illużorji;

(b) agħraf li l-Internet jista' jkun opportunità straordinarja sabiex tisseddaq ċittadinazza attiva u li, f'dan ir-rigward, aċċess għan-netwerks u l-kontentut tagħhom huwa wieħed mill-elementi kruċjali; jirrakkomanda li din il-kwistjoni tiġi żviluppata aktar fuq il-bażi tal-ipotesi li kulħadd għandu dritt li jipparteċipa fis-soċjetà tal-informazzjoni u li l-istituzzjonijiet u l-partijiet konċernati fil-livelli kollha għandhom responsabbilità ġenerali li jgħinu f'dan l-iżvilupp[1], u b'hekk jattakkaw il-koppja ta'

sfidi ġodda tal-e-illitteraliżmu u tal-esklużjoni demokratika fl-era elettronika;[2]

(c) flimkien ma' atturi relevanti oħrajn, agħmel li jiġi żgurat li s-sigurtà, il-libertà tal-espressjoni u l-privatezza, kif ukoll id-disponibilità fuq l-Internet, ma jiġux ittrattati bħala għanijiet li jikkompetu ma' xulxin, imma li minflokk jiġu pprovduti simultanjament f'viżjoni komprensiva li twieġeb b'mod adegwat għal dawn l-imperattivi kollha;

Impenn qawwi għall-glieda kontra ċ-ċiberkriminalità

(d) itlob lill-Presidenza tal-Kunsill u tal-Kummissjoni sabiex jirriflettu fuq strateġija komprensiva sabiex jiġġieldu l-ċiberkriminalità, inklużi fuq modi kif tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' "serq ta' indentità" fl-livell tal-UE;

(e) inkoraġġixxi riflessjoni dwar il-koperazzjoni bejn atturi privati u pubbliċi f'dan il-qasam u dwar titjib tal-koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi;

(f) kompli bix-xogħol li qed isir fi ħdan il-qafas tal-proġett Check the Web u ppromwovi azzjonijiet li għandhom l-iskop li jtejbu ċ-ċirkulazzjoni tal-informazzjoni dwar iċ-ċiberkriminalità, bħalma huma l-inizjattivi reċenti sabiex jitwaqqfu pjattaformi ta' twissija nazzjonali u pjattaforma ta' twissija Ewropea sabiex jirrappurtaw infrazzjonijiet li jsiru fuq l-Internet, sakemm ikun hemm fis-seħħ is-salvagwardji meħtieġa;

(g) inkoraġġixxi programmi sabiex jipproteġu lit-tfal u jedukaw lill-ġenituri tagħhom kif stipulat fil-liġi tal-UE rigward l-e-perikli ġodda u pprovdi evalwazzjoni tal-impatt tal-effikaċja tal-programmi li jeżistu sa llum;

(h) adotta d-direttiva dwar miżuri kriminali sabiex jiġu nfurzati d-drittijiet ta' proprejtà intellettwali filwaqt li fl-istess waqt għal dan l-iskop jiġu ppjojbiti l-monitoraġġ u s-sorveljanza sistematiċi tal-attivitajiet fuq l-Internet tal-utenti kollha, u sabiex jiġi żgurat li l-pieni jkunu proporzjonati għall-infrazzjonijiet imwettqa; f'dan il-kuntest, irrispetta wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni ta' utenti individwali u ġġieled kontra l-inċentivi għall-ksur ċibernetiku tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess eċċessivi li jimponu dawk stess li jkollhom proprjetà intelettwali;

(i) agħmel li jiġi żgurat li l-espressjoni ta' twemmin politiku kontroversjali permezz tal-Internet, inkluża dik dwar terroriżmu, ma tkunx suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali;

Attenzjoni kostanti għall-protezzjoni assoluta u promozzjoni msaħħa tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet

(j) ikkunsidra li l-"identità diġitali" qiegħda aktar ma tmur issir parti integrali ta' "aħna min aħna" u f'dan l-aspett jixirqilha li titħares b'mod adegwat u effettiv kontra l-intrużjoni ta' atturi kemm privati kif ukoll pubbliċi; agħti konsiderazzjoni xierqa għall-anonimità, il-psedonominità u l-kontroll rigward privatezza fil-flussi ta' informazzjoni u għall-fatt li l-utenti għandhom jingħataw lhom mezzi biex

jipproteġuha b'mod effiċjenti;

(k) agħraf il-periklu ta' forom ta' sorveljanza u kontroll tal-Internet li jkollhom ukoll l-iskop li jiċċekkjaw kull pass "diġitali" li jagħti l-individwu bl-iskop li jinbena profil tal-utent u li jingħataw "punti"; agħmel ċar il-fatt li tekniki bħal dawn għandhom dejjem jiġu evalwati f'termini tan-neċessità u l-proporzjonalità tagħhom fid-dawl tal-objettivi li jkollhom l-iskop li jilħqu; enfasizza wkoll il-ħtieġa għal għarfien imsaħħaħ u kunsens infurmat tal-utenti rigward l-e-attivitajiet tagħhom(pereżempju - il-każ tan-netwerks soċjali);

(l) eżamina u ppreskrivi limiti għall-"kunsens" li jista' jiġi mitlub jew meħud mill-utenti, kemm minn gvernijiet jew ukoll minn kumpaniji privati, li jnaqqaslhom parti mill-privatezza tagħhom, għaliex hemm żbilanċ ċar ta' poter ta' negozjar u ta' għarfien bejn l-utenti individwali u istituzzjonijiet bħal dawn;

(m) illimita b'mod strett il-każijiet li fihom kumpanija privata tal-Internet tista' tkun mistennija li tikxef dejta lill-awtoritajiet governattivi;

(n) ikkundanna ċensura imposta mill-gvern ta' kontenut li dwaru jista' jsir tkixxif fuq siti tal-Internet, b'mod speċjali meta restrizzjonijiet bħal dawn jista' jkollhom l-"effett li jiffriża" d-diskors politiku;

(o) itlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-libertà tal-espressjoni ma tkunx suġġetta għal restrizzjonijiet arbitjarji mill-isfera pubblika jew privata u sabiex jevitaw kull miżura leġiżlattiva jew amministrattiva li jista' jkollha l-"effett li jiffriża" d-diskors tal-individwi;

(p) iġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iżvilupp tal-"Internet tal-affarijiet" m'għandux jipprova jevita l-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet taċ-ċittadini;

(q) inkoraġġixxi l-promozzjoni tal-prinċipju "privacy by design" li permezz tiegħu r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta għandhom jiddaħħlu kemm jista' jkun malajr fiċ-ċiklu ta' ħajja ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda;

Obbligi internazzjonali

(r) ħeġġeġ lill-atturi tal-Internet kollha sabiex jimpenjaw ruħhom fil-proċess li qiegħed għaddej tal-"Internet Bill of Rights" li jibni fuq id-drittijiet fundamentali eżistenti, jippromwovi l-infurzar tagħhom u jrawwem l-għarfien ta' prinċipji emerġenti; rigward dan, il-koalizzjoni dinamika dwar l-Internett Bill of Rights għandha rwol prinċipali;

(s) agħmel li jiġi żgurat li, f'dan il-kuntest, inizjattiva orjentata mal-proċess minn għadd ta' partijiet interessati u għadd ta' livelli, flimkien ma' taħlita ta' inizjattivi globali u lokali tiġu kkunsidrata sabiex jiġu speċifikati u mħarsin id-drittijiet tal-utenti tal-Internet u b'hekk tkun żgurata l-leġittimità, ir-responsabbilità u l-aċċettazzjoni tal-proċess;

(t) inkuraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva tal-UE f'fora internazzjonali differenti li

jittrattaw aspetti lokali u globali tal-Internet bħalma hu l-Internet Governance Forum (IGF);

(u) ippartečipa, flimkien mall-atturi kollha relevanti tal-UE, fit-twaqqif ta' IGF Ewropew li jagħmel evalwazzjoni tal-esperjenzi miksuba minn IGFs nazzjonali, jiffunzjona bħala ċentru reġjonali, u jwassal b'mod aktar effiċjenti kwistjonijiet, pożizzjonijiet u tħassib ta' interess mifrux mal-Ewropa kollha fl-IGFs internazzjonali li ġejjin;

o

o o

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u, għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni.

11.6.2008

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI LILL-KUNSILL (B6-0302/2008)

skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Stavros Lambrinidis

dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali fuq l-Internet

The European Parliament,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u b'mod partikolari l-artikoli tagħha dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u r-rispett tal-ħajja privata u familjari,

– wara li kkunsidra l-inizjattivi reċenti għas-sejba tad-delitti serji u tat-terroriżmu (il-proġett "Check the Web") u l-proposta riċenti għall-emenda tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2002/475/JHA tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll il-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-ħajja privata fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi,

– wara li kkunsidra x-xogħlijiet li saru fil-Kunsill tal-Ewropa (CoE), fl-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) u fin-Nazzjonijiet Uniti, kemm rigward il-ġlieda kontra d-delitti u ċ-ċiberkriminalità u kif ukoll dak li jikkonċerna l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inklużi dawk fuq l-Internet,

– wara li kkunsidra l-aħħar sentenzi tal-Qrati Ewropej u tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali f'dan il-qasam, u b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża li tagħraf id-dritt distint tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u tal-integrità tas-sistemi tal-informazzjoni teknoloġika,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 114(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Internet sar strument essenzjali fil-livell dinji għall-iżvilupp tal-libertà tal-espressjoni kif ukoll biex jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi; billi dawn iċ-ċirkustanzi jagħmlu aktar kruċjali li fil-ġlieda kontra l-kriminalità u kontra l-abbuż tal-poteri pubbliċi u personali ma jiġix limitat il-potenzjal ta' dan l-istrument;

B. billi minħabba d-dimensjoni globali, l-iżvilupp mgħaġġel u l-karatteristiċi tekniċi speċifiċi tal-Internet huwa diffiċli li jkun hemm kontroll bil-leġiżlazzjoni nazzjonali biss, u jridu jittieħdu inizjattivi, speċjalment fil-livell internazzjonali, biex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-individwi fir-rigward ta' mhux biss is-sigurtà tagħhom imma wkoll il-libertajiet tagħhom u l-protezzjoni tal-ħajja privata tagħhom,

1. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

a) iffaċilita allinjament gradwali fl-UE ta' leġiżlazzjoni nazzjonali rigward ir-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq l-Internet,

b) ħu passi biex ikun hemm tisħiħ tad-djalogu bejn il-leġiżlaturi nazzjonali u l-leġiżlaturi Ewropej u bejn il-qrati nazzjonali u Ewropej,

c) ippromwovi djalogu bejn il-partijiet kollha involuti fl-Internet u dawk affettwati minnu, u b'mod partikolari l-operaturi u l-utenti tal-Internet,

ippromwovi l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali neċessarji, kemm fil-livell bilaterali (b'mod partikolari Transatlantiku) kif ukoll fil-livell multilaterali (inizjattivi tas-CoE, tal-OECD u tan-NU);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u, għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Drittijiet Fundamentali fuq l-Internet - imsaħħa u pperikolati fl-istess ħin

Qed ngħixu fi żmien fejn kulħadd, minn gvernijiet sa pulizija, kumpaniji privati u anke kriminali, ifittxu aċċess l-aktar possibbli għad-dejta elettronika privata tagħna. L-Internet b'mod partikolari jipprovdi dettalji li qabel kienu immaġinabbli dwar il-ħajja privata tagħna; anke klik waħda fuq websajt tiġġenera dejta li potenzjalment tista' tintuża jew tiġi abbużata minn dawk li jaħdmu fir-reklamar, servizzi ta' intelliġenza, jew ħallelin tal-identità.

Għalhekk, li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-**dritt fundamentali għall-privatezza** fuq l-Internet hija waħda mill-ħidmiet l-aktar urġenti li qed niffaċċjaw aħna l-leġiżlaturi. Hija wkoll waħda mill-aktar sfidi iebsa etikament, legalment, teknoloġikament u politikament li ġew iffaċċjati biha s-soċjetajiet tagħna.

Huwa ċar għal kulħadd li l-Internet jista' jkun għodda li tkabbar id-drittijiet fundamentali taghna, jaghtina poter b'informazzjoni li ma tispiċċa qatt u jagħmilna f'kuntatt ma individwi u komunitajiet madwar id-dinja. Huwa pjuttost inqas tikonoxxut sew li, fil-proċess, l-Internet joħloq periklu profond lid-drittijiet fundamentali tagħna, potenzjalment jesponina għal sorveljanza distruttiva, filqawt li jservi bħala għodda għall-kriminali u anke għat-terroristi. U l-anqas ċar minn kollox huwa kif nistgħu nirregolaw l-Internet b'tali mod li jħallina nieħdu l-benefiċċji tiegħu, filwaqt li nillimitaw il-perikli l-aktar reali u serji tal-abbuż. Dan il-kalkolu jsir aktar ikkumplikat min-natura intrinsika tal-Internet – netwerk diċentralizzat, ikkukat fuq l-utent li m'huwa taħt il-kontroll tal-ebda gvern u li jittraxxendi kważi l-fruntieri kollha.

Dan ir-rapport, għalhekk, għandu l-għan li jenfasizza kif aħna nistgħu nipproteġu bl-aħjar mod u nippromwovu l-libertajiet fundamentali tal-individwi f'ambjent online. Fost l-elementi essenzjali tar-rispons tagħna għandu jkun hemm:

– L-involviment tal-partijiet kollha interessati;
– Azzjoni f'livelli differenti, billi jsir użu minn strumenti nazzjonali, reġjonali, u internazzjonali eżistenti u jkun hemm osservazzjoni ta' kif jiġu applikati fil-prattika leġiżlattiva tal-lum;
– Skambju tal-aħjar prattiki; kif ukoll
– Ir-rispons għall-bżonnijiet u l-problemi ta' tipi varji ta' utenti tal-Internet u ta' ħafna (u li l-ħin kollu jevolvu) tipi ta' attivitajiet online.

Li jinstab bilanċ xieraq bejn il-privatezza u s-sigurtà huwa fil-qalba tal-missjoni tagħna. Dan jirrikjedi viġilanza u rikalibrar kostanti, sabiex aħna nibqgħu f'sinkronizzazzjoni mal-mixja li tat-teknoloġija li ma tistax tkun ikkontrollota. Għandna nikkunsidraw bir-reqqa l-interessi ta' sigurtà ta' kull xorta, minn mistoqsijiet dwar sigurtà nazzjonali, għas-sigurtà u l-kredibilità tan-netwerks tagħna, għas-sigurtà personali tal-individwi meta dawn jixxerjaw id-dejta tagħhom online. Jekk li jkun żgurat Internet aktar sigur huwa għan leġittimu għas-soċjetajiet tagħna, għalhekk għandna nindirizzaw u nikkostrinġu l-użu tas-sorveljanza u tat-tekniki tal-monitoraġġ li jistgħu jheddu l-libertajiet fundamentali tagħna– b'mod speċjali meta huma kkonċernati n-neċessità, il-proporzjonalità u l-effiċjenza tagħhom. Il-Flessibilità, l-adattabilità u r-responsabilità għandhom ikunu l-karatteristiċi ta' kull leġiżlazzjoni u lal-programmi li

niżviluppaw, sabiex inkunu nistgħu nkunu pass ' il quddiem mit-teknoloġiji li qed jevolvu.

L-Internet jista' jtejjeb b'mod qawwi drittijiet fundamentali oħra, bħal ma huma l-libertà tal-kelma, tal-azzjoni politika, u ta' assoċjazzjoni – pero' huwa anke daqshekk faċli li jimminhom. Każ riċenti ta' dan id-dibattitu kienet l-inizjattiva leġiżlattiva għall-monitoraġġ ta' diskors fuq l-internet sabiex jiġu evitati attakki terroristiċi. Dan huwa eżempju klassiku ta' leġiżlazzjoni li, sakemm ma tkunx imfassla b'mod strett biex tilħaq l-għanijiet tagħha, tista' tiftaħ il-bieb għal sorveljanza massiva, u b'hekk "twaqqaf" id-diskors politku tal-individwi – li huwa fil-qalba tas-soċjetà demokratika.

Li wieħed isib il-bilanċ ġust fuq punti bħal dan huwa kruċjali. M'hemmx dubbju li l-internet ta lill-kriminali set ta' għoddod ġodda ta' qawwa kbira, u m'hemmx dubbju li t-terroristi m'għandhomx jitħallew jużaw l-Internet biex jippjanaw u jwettqu l-attakki. B'dan il-mod ukoll, is-soċjetajiet tagħna jitolbu bi dritt li aħna nfixklu l-pornografi tat-tfal minn fuq l-Internet. Kriminali bħal dawn, billi jpoġġu theddid tanġibbli, inaqqsu r-reżistanza fost iċ-ċittadini tagħna għas-sejħiet mill-pulizija għall-monitoraġġ aktar wiesgħa tal-Internet – li, min-natura tiegħu, huwa "intanġibbli". Aħna għandna nirreżistu din it-tendenza. Il-liġijiet tagħna għandhom ikunu effettivi biex jiġġieldu l-kriminalità, pero' m'għandhomx ikunu eċċessivi. L-Internet, bin-natura tiegħu aktar diżorganizzata u intanġibbli, jagħmel lili nnifsu miftuħ għal eċċessi bħal dawn. Pereżempju, ftit nies jaċċettaw l-idea li l-pulizija jew kumpaniji tar-reklamar jistgħu jiftħu kull ittra mibgħuta permezz tal-uffiċċju tal-posta biex jiċċekkjaw il-kontenut tagħha. Viġilanza simili hija meħtieġa meta jrid ikun protett il-kontenut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Pero' d-diskors jista' jkun imwaqqaf u l-privatezza invaduta mhux biss mill-awtoritajiet governattivi fit-tfittxija għall-kriminali, imma wkoll minn kumpaniji privati tal-Internet li jkunu qed ifittxu l-profitt. It-tendenza l-aktar ġdida meta jiġri dan – u ġeneralment wara biss li l-kumpaniji jinqabdu fil-fatt li qed jiġbru, jaħżnu, u jużaw id-dejta tagħna bla awtorizzazzjoni -- hija li jintalab il- "kunsens" tal-utent (jew fuq bażi *opt-in* jew fuq bażi *opt-out*) għall-użu tad-dejta tiegħu jew taghha.

Għandna nistaqsu lilna nfusna, **"X'inhuma l-limiti tal-kunsens?"** Il-kwistjoni tapplika kemm għal dak li tista' tistaqsi kumpanija lil utent biex jiżvela, u kemm għal x'għandu jkun permess għall-individwu li jċedi mill-privatezza tiegħu u drittijiet fundamentali oħra sabiex ikun jista' jirċievi ċerti servizzi u privileġġi tal-Internet.

Ir-risposti għal dawn il-mistoqsijiet mhumiex daqshekk sempliċi. F'dominju ieħor – dak tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol – is-soċjetajiet tagħna qablu li għandu jkun hemm limitu għall-kunsens taċ-ċittadini dwar il-ħajja privata tagħhom. Il-liġi tax-xogħol u ftehimiet ta' negozjar kollettiv f'bosta stati membri jiddeterminaw, pereżempju, is-siegħat massimi tax-xogħol, il-pagi minimi, jew drittijiet oħra tax-xogħol, li individwi ma jistgħux jintalbu biex "jinnegozjaw" ma' min iħaddimhom. Ir-raġuni hija sempliċi: Huwa preżunt li m'hemmx bilanċ ta' poter bejn impjegat u min iħaddmu u li, konsegwentement, "il-kunsens" ma jistax jingħata b'mod ġust jew akkwistat fuq bażi ugwali. Raġuni oħra hija li aħna ddeċidejna wkoll li għandna naraw li ma jkunx hemm "tiġrija sal-qiegħ" fuq il-ġabra kollha ta' drittijiet tax-xogħol, li tista' tirriżulta jekk xi ħaddiema individwali jitħallew jew "ikunu sfurzati" li jinnegozjaw parti mid-drittijiet tagħhom.

Qasma simili ta' poter u għerf teżisti fuq l-Internet: Poter Korporattiv u Governattiv, għerf, u interessi jeżistu b'mod qawwi għall-utent individwali, kif jeżisti wkoll il-periklu li wieħed joffri servizzi tal-Internet "irħas" (u għalhekk aktar "attraenti" għal xi utenti) bi skambju għall-protezzjonijiet ta' privatezza aktar baxxi. Hija l-konvinzjoni tar-Rapporteur li l-battalja li jmiss fid-dibattitu dwar is-sigurtà u l-privatezza tal-Internet se tkun dwar il-limiti tal-"kunsens" imfittex mill-gvernijiet u kumpaniji privati.

Din il-kwistjoni għandha tinteressana ħafna, fl-Ewropea tal-lum, il-*"Big Brother"* ma jiġix fil-forma ta' xi reġim awtoritarju; jiġi, jekk ikun il-każ, bil-moħbi u bil-"kunsens" tagħna.

Fl-aħħar nett, **id-dritt għall-Edukazzjoni u d-dritt għall-aċċess għall-Internet**, huma żewġ drittijiet addizzjonali li għandhom ikunu promossi separatament, imma li jistgħu wkoll ikunu mhedda fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità fuq l-Internet. L-e-illitteriżmu se jkun l-illitteriżmu l-ġdid tas-Seklu 21. Billi kull tifel illum għandu d-dritt għall-edukazzjoni, u kull adult li jkompli l-edukazzjoni, kull individwu matul ħajtu għandu jkollu d-dritt għall-aċċess għall-kompjuter u l-Internet. Il-gvernijiet għandhom jiżguraw li aċċess bħal dan ikun disponibbli fir-reġjuni tagħhom l-aktar imbiegħda u għall-ifqar ċittadini; Barra minn hekk, m'għandux ikun miċħud bħala "kastig" għall-infrazzjonijiet miċ-ċittadini. Nies minn kull parti tas-soċjetà, u minn kull reġjun u kultura, għandhom ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-varjetà wiesgħa ta' servizzi offruti mill-Internet. B'dan il-mod, ikunu jistgħu jkomplu bl-iżvilupp personali tagħhom, jidħlu f'relazzjonijiet edukattivi, professjonali u personali, u jinkoraġġixxu opportunitajiet ekonomiċi sal-limitu possibbli li jħalluhom it-teknoloġiji u l-liġijiet tagħna.